## BORD DWAR KONTROLL TA' KIRI TA' RABA' (MALTA)

## MAĠISTRAT DR. SIMONE GRECH B.A., LL.D., Mag. Jur. (EU Law)

**Rikors Numru 16/2017SG**

**Raymond Mallia (K.I. 738258M), Anthony Mallia (K.I. 365347M),**

**Laurence Mallia (K.I. 373049M), Josephine Caruana (K.I. 276251M),**

**Carmelo Mallia (K.I. 273353M), Bernarda sive Bernadette Borg (K.I. 377855M),**

**Rita Farrugia (K.I. 668460M) u Theresa Borg Xuereb (K.I. 748516M)**

**vs**

**Orazio sive Grezzju Abela (K.I. 887248M)**

**Illum, 5 ta' Diċembru, 2022.**

Il-Bord;

Ra r-rikors ippreżentat fit-28 ta' Novembru 2017, li permezz tiegħu ġie premess u mitlub is-segwenti:

*"1. Illi l-esponenti ghandhom l-pussess tar-raba' maghruf bhala Tal-Gholjiet li tinsab fil-limit tal-Gudja b'titolu ta' qbiela minghand l-Ufficju Kongunt;*

*2. Illi peress li din l-ghalqa hija wahda kbira, Raymond Mallia ta l-permess lill-intimat sabiex dan ikun jista' jibda jahdem dawn ir-raba' permezz tal-iskrittura bejniethom datata 12 ta' Mejju 2017 (annessa u mmarkata bhala Dok D);*

*3. Illi l-intimat ihallas l-ammont ta' €37.27 annwali lir-rikorrenti bhala hlas talli qieghed jahdem din l-ghalqa, mhux bhala hlas tal-qbiela ta' l-ghalqa;*

*4. Illi l-esponenti ghamlu dan a bona volonta taghhom u fl-ebda hin ma qalu li qeghdin jghaddu din l-ghalqa lill-intimat b'titolu ta' qbiela;*

*5. Illi l-intimat kellu jdawwar l-ghalqa mis-sistema tal-LPIS u lIACS minn fuqu ghal fuq l-esponenti izda l-intimat m'accettax li jaghmel dan u ghalkemm mitlub diversi drabi baqa' inadempjenti;*

*6. Illi l-intimat kellu jaghmel dan peress li l-ghalqa bl-ebda mod ma tappartjeni lilu izda hi mqabbla lir-rikorrenti. L-intimat seta' biss jahdem din l-ghalqa bil-kunsens tar-rikorrenti;*

*7. Illi ghalhekk l-esponenti jixtiequ jirriprendu l-pussess tar-raba' mqabbla lilhom de quo imma l-intimat ma jridx johrog mill-istess ghalqa;*

*8. Illi l-intimat m'ghandu l-ebda titolu fuq din l-ghalqa ghajr li jista jahdemd in l-ghalqa u ghalhekk m'ghandu l-ebda dritt fil-ligi li jibqa jahdem l-ghalqa.*

*Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu lil dan il-Bord sabiex joghgbu, ghar-ragunijiet hawn fuq premessi u dawk kollha li ser jirrizultaw waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors, jawtorizzhom sabiex fl-iskadenza li jmiss ma jgeddux il-kirja u jirriprendu l-pussess tal-art taghhom, salv kwalunkwe kumpens li jista' jigi stabbilit skont il-ligi lill-intimati jekk ikun il-kaz.*

*Bl-ispejjez kontra l-intimati li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni."*

Ra r-risposta ppreżentata fis-27 ta' Diċembru, 2017, fejn ġie eċċepiet is-segwenti:

*"1. ILLI fl-ewwel lok, l-esponenti ma jaqbilx mal-premessi tar-rikors promotur li huma msejsa fuq numru ta' inesatezzi inter alia li l-esponenti m'ghandhomx ir-raba' de quo imqabbla ghandu meta fir-realta' l-esponenti jhallas il-qbiela relattivi, kif ser jirrizulta fil-mori tal-kawza; kif ukoll li mhux minnu li l-esponenti kien biss a tenur tal-iskrittura datata 12 ta' Mejju, 2017, li hu seta' "jibda jahdem" ir-raba' de quo stante li ilu jahdimha ghal snin shah wara li kompla fuq missier il-mara tieghu, kif ukoll ser jirrizulta fil-mori tal-kawza.*

*2. ILLI fit-tieni lok, dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti ilu ukoll snin formalment registrat mal-Awtorita' koncernata li jahdem ir-raba' de quo;*

*3. Illi fit-tielet lok, ukoll minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti hassu li kien dahaq bih ir-rikorrenti Raymond Mallia meta kien talbu jiffirma*

*l-iskrittura datata 12 ta' Mejju 2017 tant li sussegwentament, tramite il-legali tieghu, ikkuntesta l-imsemmija skrittura bhala ghal kollox nulla, addirittura li kienet saret b'qerq, u biex ma jsirx uzu minnha, ghax ikun qed ikun perpetwat l-ingann, kif ser ikun ippruvat fil-mori tal-kawza;*

*4. ILLI fir-raba' lok, ukoll minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti kellu per forza jiddeposita l-qbiela l-Qorti wara li r-rikorrenti ghall-ewwel darba kemm ilha tithallas il-qbiela mill-esponenti, ghazel li ma jaccettahiex kumbinazzjoni u konvenjentament malli kienet iffirmata l-iskrittura datata 12 ta' Mejju 2017;*

*5. ILLI fil-hames lok, ukoll dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, jekk ghas-sahha tal-arugment, l-iskrittura datat 12 ta' Mejju, 2017 kellha tittiehed in konsiderazzjoni u kkunsidrata bhala valida, jirrizulta manifestament car l-intenzzjoni tar-rikorrenti Raymond Mallia, kienet li l-esponenti ghandu dritt li jibqa' jahdem ir-raba' de quo sakemm l-esponenti "jieqaf u ma jkunx aktar possibbli ghalih li jahdem din ir-raba'..." li hija in kontradizzjoni lampanti mal-proceduri ntavolati mir-rikorrenti, u addirittura dawn il-proceduri, f'kull kaz, huma intempestivi, inutli u jirrazentaw il-frivolu;*

*6. ILLI fis-sitt lok, tenur kont tas-suespost, fl-opinjoni umli tal-esponenti it-talbiet rikorrenti ghandhom ikunu michuda.*

*7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti inkluz tal-ittra gudizzjarja datat 23 t'Ottubru, 2017, li minn issa huma ngunti in subizzjoni."*

Ra li din il-kawża ġiet assenjata lil dan il-Bord hekk kif ippresedut;

Semgħet ix-xhieda;

Rat id-dokumenti ppreżentati;

Rat li din il-kawża ġiet differita għas-sentenza;

Rat l-atti kollha ta' din il-kawza.

**Ikkunsidra:**

**<u>Provi Prodotti</u>**

**Raymond Mallia** ppreżenta affidavit, fejn spjega li l-art in kwistjoni, ilha bi qbiela għand il-familja tiegħu, għal bejn wieħed u ieħor, xi mitt sena. Din ir-raba' kien jaħdimha missieru, Anthony Mallia, u kien ukoll jaħdem raba' tal-madwar. Barra minn din l-għalqa, kien jaħdem xi sittax-il tomna oħra ta' raba' ieħor. Spjega li wara li mietu l-ġenituri tiegħu, din ir-raba' ġiet trasferita f'ismu u f'isem ħutu l-oħra. Il-qbiela titħallas lid-Dipartiment Proprjetà tal-Gvern. Kompla jixhed li missieru kien ħalla lil Bernard Grixti, li jiġi missier il-mara tal-initmat, sabiex jgħinu, u ta' dan kien jagħtih kumpens. Wara l-mewt ta' Bernard Grixti, l-intimat kompla jaħdem din ir-raba' u jgħin lilu u lill-aħwa Mallia. Spjega li matul is-snin, l-intimat intalab sabiex ma jibqax jagħmel użu mill-għalqa, iżda dan kien dejjem jitlobhom biex iħalluh iqatta' s-sigħat fiha. Spjega li fit-12 ta' Mejju, 2017, l-intimat iffirma ftehim quddiem in-Nutar Dr. Simon Manicolo, sabiex jirritorna l-pussess tal-għalqa lilu. Spjega li din l-iskrittura ġiet mitluba li ssir mill-istess intimat. Spjega li nonostante l-ftehim, dan xorta baqa' fil-pussess tal-għalqa, u għalkemm intbagħtu ittri uffiċjali sabiex l-għalqa tgħaddi lura, l-istess intimat ma onorax dak miftiehem.

F'seduta ohra, Raymond Mallia spjega li wara li sar il-ftehim tat-12 ta' Mejju, 2017, kienu ftehmu li l-għada jmorru Ta' Qali biex ir-raba' tinqaleb. Spjega li hekk kien sar, iżda l-uffiċjal inkarigat kien infurmahom, li r-raba' jinqaleb f'Awwissu u mhux f'Mejju. Spjega li l-intimat kien anke tah il-pjanta tal-LPIS, għax kien qallu li ġialadarba r-raba' kienet ser tinqaleb minn fuq ismu, huwa ma kellux bżonn dawn id-dokumenti. Spjega li għalhekk ftehmu li f'Awwissu, kellhom jerġgħu jmorru ta' Qali, iżda meta wasal Awwissu, l-intimat ma aċċettax li jmur jaqleb ir-raba'. Ikkonferma li sal-lum, dan ir-raba' għadu ddikjarat fuq l-intimat. Spjega li dan ir-raba', nofsu jinħadem u nofsu huwa blat, xagħri.

Spjega li huwa *part time farmer* u li għandu raba' ieħor. Spjega li fejn din ir-raba', għandom iktar raba'. Ikkonferma li din ir-raba' in kwisjtoni, hija bi qbiela għandu u għand ħutu mingħand il-Gvern. Spjega li wara li l-intimat ma aċċettax li f'Awwissu jaqleb ir-raba' għal fuqu u għal fuq ħutu, l-istess intimat avviċinah biex iħallas il-kumpens, iżda dan ma ġiex aċċettat. Ikkonferma li l-intimat kien qed jaħdem din ir-raba' għaliex hu u ħutu, u qabilhom il-ġenituri tagħhom, ma setgħux ilaħħqu mar-raba' kollha li kellhom.

Mistoqsi mill-Bord jekk wara li ġiet iffirmata l-iskrittura, l-intimat għarfux li kien ser jieqaf jaħdem din ir-raba', Raymond Mallia spjega li l-intimat ma kienx infurmah li ser jieqaf jaħdem ir-raba', iżda kien sar qbil li din titneħħa minn fuq ismu, filwaqt li jibqa'

jaħdimha. Ikkonferma li l-ftehim kien li jibqa' jaħdimha sakemm ikellu saħħa. Ikkonferma li Dok RM4 ġie mogħti lilu mill-intimat.

In kontroeżami, huwa ċahad li qatt ra l-ittra tas-7 ta' Settembru, 2017. Lanqas ma jiftakar li rċieva Dokument C a fol 5, anness mat-talba tiegħu stess. Ikkonferma li kienet saret skrittura mal-intimat quddiem in-nutar. Spjega li meta tkellem mal-intimat, kien qallu biex ir-raba' tibqa' għandu, iżda li mbagħad ma jerġax jaqlibha fuq uliedu. Spjega li kien l-istess intimat li qallu biex imorru jagħmlu karta għand in-nutar f'dan is-sens. Sostna li kien hu li ssuġġerixxa li jmorru għand in-nutar tal-Gudja. Sostna li l-ftehim sar fuq insistenza tal-intimat, għaliex li kien għalih, kien joqgħod fuq il-kelma tal-intimat biss. Reġa' kkonferma li wara li saret l-iskrittura, l-għada marru Ta' Qali biex jaqilbu r-raba', iżda r-raba' ma nqalibx dakinhar. Meta mbagħad f'Awwissu kien reġa' talbu biex imorru ta' Qali, l-intimat ma aċċettax. Sostna li kien imbagħad minn dakinhar, li l-qbiela ma baqgħetx tiġi aċċettata mill-familja Mallia.

Meta ġie mistoqsi r-raġuni għalfejn fil-ftehim ma tniżżilx li r-reġistrażżjoni tar-raba' kellha titneħħa minn fuq isem l-intimat, Mallia rrisponda li dan kien ser isir l-għada tal-iskrittura. Ikkonferma li kienu ilhom snin jitolbu li din ir-raba' tiġi lura fil-pussess tal-familja Mallia. Reġa' kkonferma li l-ftehim kien, li l-intimat jibqa' jaħdem ir-raba' sakemm ikollu saħħa u mbagħad, jgħaddi r-raba' lura lill-familja Mallia. Huwa ċaħad li ppretenda li jieħu din ir-raba' qabel. Iktar tard fix-xhieda tiegħu, ir-rikorrenti reġa' kkonferma li l-għalqa jippretendi li tiġi għand il-familja Mallia, meta jigi nieqes l-intimat. Sostna li l-kawża saret għaliex l-intimat ma riedx li r-raba' jerġa' jaqa' f'idejhom.

In rieżami, huwa sostna li apparti l-ftehim bil-miktub, kienu qablu li jmorru Ta' Qali u jdawwru r-reġistrazzjoni tar-raba', nonostante li r-raba' tibqa' tinħadem mill-intimat.

**Grezzju Abela** ppreżenta affidavit, fejn spjega li huwa miżżewweġ lil Generosa Abela, u li missier martu kien jaħdem din l-għalqa in kwistjoni. Spjega li meta ma kienx beda jħossu jiflaħ, huwa kien kompla jaħdem din l-għalqa minfloku. Sostna li kienu marru l-Għammieri biex qalbuha fuq ismu. Spjega li din ir-raba' fiha ċirka 4 tomniet, li minnhom 2.4 huma bagħli u 1.4 huma moxa, u ċioè tajbin biex jinħadmu. Qal li kien jiżra' l-aktar qamħ, iżda ġieli żera' patata. Kien iħallas Lm 2 fis-sena kull 15 ta' Awissu lil familja Mallia. Wara l-mewt ta' Anthony Mallia, il-qbiela kienet titħallas lill-armla Katerina Mallia. Spjega li l-qbiela baqgħet tiġi aċċettata sa Awissu 2017, meta mbagħad ma ġietx aċċettata, bil-konsegwenza li bdiet tiġi depożitata l-Qorti. Kompla jgħid li f'Mejju 2017, ġew id-dar tiegħu, Raymond Mallia u ħuħ, u wara li tkellmu, ġie aċċettat li r-raba' tiġi mdawwra fuqhom. Dan il-qbil sar għaliex huwa kien jaħseb li r-raba' hija proprjetà tagħhom. Madanakollu, meta ftit ġranet wara, marru l-Għammieri, ġew infurmati li r-raba' ma kienx jinqaleb f'dak iż-żmien.

Spjega li ftit ġranet wara, huwa kien mar ma' martu Ta' Qali jsaqsi jekk kienx ħaqqu xi kumpens jew benefikati fuq din l-għalqa, iżda l-iskrivani wissewhom li aħjar imorru għand il-*Lands* biex jivverifikaw li l-għalqa hija proprjetà tal-familja Mallia. Spjega li wara verifiki, irriżulta li l-familja Mallia ma kinitx is-sid tal-għalqa. Spjega li meta f'Lulju ċempillu Raymond Mallia, huwa kien qallu li l-għalqa mhux tagħhom, u li ma kienx bi ħsiebu jdawwar fuqhom. Qal li l-uffiċjali f'Ta' Qali kienu nfurmawhom, li jekk ma jkollhomx x'juru li qed jaħdmu din ir-raba', din ir-raba' tkun tista' tittieħed mingħandhom. Ikkofnerma li fuq talba ta' Raymond Mallia, huwa kien mar għand nutar u ffirma karta, li meta ma jkunx jiflaħ jaħdem aktar, ir-raba' tiġi mgħoddija lill-familja Mallia. Spjega li huwa ma jafx jaqra u kien qallu Raymond Mallia x'kien fiha l-iskrittura.

In kontroeżami, huwa spjega li huwa pensjonant, filwaqt li qabel ma' rtira, kien jaħdem mal-kuntrattur. Spjega li r-raba' kien jagħmilha qamħ għax l-isqaq huwa dejjaq, u biex jidħol, irid jidħol fuq in-nies. Qal li darba biss, żera' patata fiha. Spjega dak iż-żmien, kienu għadhom jidhlu bil-bhima. Ikkonferma li huwa kien iħallas il-kera lill-familja Mallia. Sostna li huwa ma dawwarx ir-raba' fuq il-familja Mallia, għaliex ingħata parir li jekk jagħmel dan, ikun iktar faċli biex din ir-raba' tittieħed mill-pussess tiegħu. Sostna li l-ewwel darba meta mar l-Għammieri flimkien ma' Raymond Mallia, huwa kellu dahru mal-ħajt, u kien jaħseb li r-raba' hija tagħhom. Spjega li f'Lulju ma reġax mar, għaliex imbagħad kien għamel il-verifiki, u rriżulta li r-raba' lanqas ma hija proprjetà tal-familja Mallia. Spjega li kieku r-raba' kienet tal-familja Mallia, huwa kien lest li jdawwar fuqhom.

Spjega li huwa daħħal il-ħamrija f'din l-għalqa. Ikkonferma li kien jieħu sussidju tal-qamħ fuq din l-għalqa. Sostna li huwa mar għand in-nutar biex ma jieħdux l-għalqa mingħandu. Ikkonferma li huwa ma jafx jaqra. In-nutar ġie mħallas mill-familja Mallia. Ikkonferma li n-nutar kien qara l-ftehim quddiemu. Sostna li n-nutar kien qallu li meta huwa ma jibqax jiflaħ, din ir-raba' ddur fuq il-familja Mallia. Ikkonferma li huwa ma dawwarx ir-raba' fuq Mallia, għaliex ir-raba' mhijiex proprjetà tagħhom. Ikkonferma li huwa għadu jaħdem ir-raba' billi jagħmilha qamħ u jqabbad lil uliedu. Huwa kkonferma bil-ġurament tiegħu, li huwa għadu sal-lum jaħdem din ir-raba', u għadu interessat f'din ir-raba'. Uliedu ġieli jiġu jgħinuh xi ftit. Spjega li huwa jqabbad nies biex jagħmlu l-ħart u jferrxu l-qamħ. Spjega li huwa m'għandux għodda biex jaħdmu hu. Qal li jqabbdu hu stess lil din il-persuna, u jħallasha. Qal li huwa għandu madwar 73 sena.

In rieżami, huwa spjega li l-qamħ jinqala' minn min jaħratlu. Spjega li huwa jbiegħu u jmorru igezzu. Qal li huwa jieħu ħsieb li l-qamħ jagħmlu f'balal. Spjega li huwa jferrex id-demel u jagħmel dak kollu li jiflaħ jagħmel. Huwa jieħu ħsieb il-ħitan tas-sejjieħ. Spjega li s-sussidju kien jieqaf li kieku neħħa r-reġistrazzjoni ta' din ir-raba' minn fuq ismu.

In kontroeżami ulterjuri, huwa spjega li s-sussidju jgħin xi ftit, iżda l-ispejjeż huma kbar.

**Generosa Abela** xehdet bil-proċedura tal-affidavit, fejn spjegat li lil missierha, dejjem tiftakru jaħdem l-għelieqi, inkluż din l-għalqa in kwistjoni. Spjegat li żewgha dejjem kien jgħin lil missierha, u meta xjaħ, missierha kien qaleb din l-għalqa fuq ir-raġel tagħha. Spjega li missierha kien iħallas Lm 2 fis-sena bħala qbiela, lil Bernarda Mallia. Qalet li meta l-għalqa kienet fuq ir-raġel, hija kienet tmur tħallas lil Katerina Mallia kull 15 ta' Awwissu. Spjegat li fl-1996, il-qbiela għoliet għal Lm 10 u fis-sena 2002 għal Lm 16. Spjegat li wara l-mewt ta' Katerina Mallia, hija bdiet tħallas lil Lorenz, iżda fis-sena 2017, hija ġiet infurmata li l-flus kellhom jingħataw lil ħuħ, Anthony Mallia. Spjegat li meta marret toffri l-flus lil Anthony Mallia, dan kien infurmahom li wara parir li ħadu, l-aħwa Mallia kienu ftehmu li ma jaċċettawx qbiela iktar. Spjegat li għalhekk, fuq parir tal-avukat, il-qbiela bdiet tiġi ddepożitata ġewwa l-Qorti. Spjegat li huma dejjem ħasbu li din l-għalqa hija proprejtà tal-familja Mallia, iżda minn riċerki li għamlu, skoprew li l-familja Mallia ma kinux il-proprjetarji.

F'seduta oħra, Generosa Abela spjegat li Raymond u Anthony Mallia kienu talbuhom din l-għalqa, għax uliedhom kellhom bżonnha. Spjegat li kienu talbuhom gimgħa ċans biex jieħdu parir. Spjegat li kienu marru Ta' Qali, u dawn kienu tawhom parir biex joqgħodu attenti għax jekk raba' tinqaleb minn fuq isimhom, ikun iktar faċli li r-raba' tittieħed mill-pussess tagħhom. Spjegat li kienu wkoll saqsew f'okkażżjoni oħra u kienu ġew mogħtija parir jiċċekkjaw, jekk ir-raba' kinitx verament proprjetà tal-familja Mallia. Spjegat li minn tfittxija li għamlu ma' tal-*Lands*, irriżulta li r-raba' ma kinitx tal-familja Mallia. Spjegat li r-raġel tagħha reġa' bdielu għaliex skopra li l-għalqa ma kinitx tal-familja Mallia. Sostniet li lil missierha, din ir-raba' ngħatat lilu bi qbiela u mhux biex jgħin.

In kontroeżami, hija kkonfermat li kienu marru Ta' Qali, wara li kienu ġew avviċinati minn Raymond u Anthony Mallia. Ikkonfermat li wara li sar il-ftehim, ir-raġel tagħha kien mar l-Pitkalija biex tiġi mdawwra, iżda kienu ġew infurmati li f'dak iż-żmien, ma kinux qed idawru reġistrazzjonijiet.

**Ikkunsidra:**

Mill-provi prodotti, jirriżulta li r-raba' magħrufa bħala Tal-Għoljiet li tinsab fil-limiti tal-Gudja, hija proprjetà tal-Uffiċju Konġunt, u qiegħda bi qbiela għand ir-rikorrenti (Vide Dok RM 1 a fol 19).

Jirriżulta wkoll iżda, li r-raba' in kwistjoni tinsab fil-pussess tal-intimat, li jħallas l-ammont ta' €37.27ċ lill-familja Mallia. Irriżulta mix-xhieda prodotta iżda, li llum il-

ġurnata, din is-somma qed tiġi ddepożitata l-Qorti, peress li mhux tiġi aċċettata mill-familja Mallia.

Bejn il-partijiet saret skrittura fit-12 ta' Mejju, 2017 (Vide Dok RM2 a fol 20).

Skont ir-rikorrenti, din ir-raba' qatt ma ġiet imqabbla lill-intimat, għax dan ma jistax isir mingħajr il-kunsens tal-Uffiċju Konġunt. Li seħħ biss skont l-istess rikorrenti huwa, li l-intimat tħalla jaħdem l-għalqa bi *buona volontà* u li l-hlas ta' €37.27ċ, huwa biss kumpens talli l-intimat qed jitħalla jaħdem l-għalqa, u mhux ħlas ta' qbiela.

Mill-banda l-oħra, l-intimat insista li din ilha għal żmien twil imqabbla lilu, u preċedentement, għand missier il-mara tiegħu. In fatti, huwa eżebixxa wkoll riċevuti permezz ta' nota tal-20 ta' Marzu, 2019, li minnhom jirriżulta li addirittura, hemm imniżżel li l-qbiela qiegħda b'lura.

**Ikkunsidra:**

Dan il-Bord iqis li din il-kawża hija mfassla fuq diversi kontradizzjonijiet. Dana peress li nonostante li kemm fit-tielet premessa, fir-raba' premessa, fis-sitt premessa u fit-tmien premessa, ġie mniżżel illi l-intimat ma ġiex imqabbel din l-għalqa, imbagħad fit-talbiet, ir-rikorrenti talbu sabiex dan il-Bord jawtorizżahom sabiex fl-iskadenza li jmiss, ma jġeddux il-kirja, filwaqt li jirriprendu l-pussess tal-art tagħhom, salv kwalunkwe kumpens li jista' jiġi stabbilit skont il-liġi lill-intimat.

Għalhekk it-talba giet imsejsa fuq il-premessa, li teżisti kirja bejn il-partijiet li waslet fi żmien ta' tiġdid/rilokazzjoni. Anke fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom, ir-rikorrenti argumentaw li l-intimat, m'għandhux titolu ta' qbiela fuq din l-art, iżda kien biss jagħti kumpens lir-rikorrenti. Per konsegwenza, ir-rikorrenti, f'nifs qed jgħidu li m'hemm l-ebda kirja għaliex semmai, kulma hemm ftehim bejnhom u bejn l-intimat, stante li l-istess raba' hija mqabbla għandhom mill-Uffiċju Konġunt, u mbagħad f'nifs ieħor qed jargumentaw li dan il-Bord għandu jawtorizżhom ma jġeddux il-kirja, biex b'hekk jirriprendu l-pussess. Dana qed jingħad mingħajr ma' dan il-Bord joqgħod jidhol f'eżami dwar jekk hux kompetenti ommeno, li jisma' kawżi fejn hemm nuqqas ta' qbil, dwar jekk hemmx kirja ommeno viġenti bejn il-partijiet.

Anke li kieku dan il-Bord kellu jinjora din il-kontradittorjetà fil-premessi u fit-talbiet magħmula, dan il-Bord iqies li xorta waħda, it-talbiet tar-rikorrenti ma jistgħux jiġu milqugħa.

Dana qed jingħad għas-segwenti ragunijiet:-

Il-ftehim tat-12 ta' Mejju, 2017, sar bejn Raymond Mallia u l-intimat, u fih hemm imniżżel li l-partijiet qed jaqblu li Orazio Abela, qed jaħdem ir-raba' magħrufa bħala Tal-Għoljiet fil-Gudja, nofsu blat u nofsu jinħadem. Ġie mniżżel ukoll li Abela qed jiddikjara u jikkonferma, li meta huwa jieqaf u ma jkunx aktar possibbli għalih li jaħdem dan ir-raba', huwa jobbliga ruħu li jirritorna l-pussess tiegħu lil Raymond Mallia, u jirrinunzja għal kull drittijiet u pretensjonijiet li jista' jivvanta fuq dan ir-raba', mingħajr eċċezzjoni u bl-aktar mod ampju u sħiħ, inkluż iżda mhux limitatament, kwalunkwe kumpens għal benefikati li jkunu saru fl-istess raba'.

F'din il-kawża, irriżulta mix-xhieda mogħtija mill-istess Raymond Mallia, li l-ftehim u l-intendiment warajh, dejjem kien li din ir-raba' tibqa' għand l-intimat, sakemm ***"il-Bambin itih is-saħħa"*** u ***"jiġi nieqes".*** Fl-ebda ħin ma ġie miftiehem, li l-intimat għandu jaqbad u jiżgombra minn hemmhekk, malli jiġi mitlub jagħmel hekk mir-rikorrenti jew min minnhom. Il-ftehim jgħid ċar li din il-prerogattiva kienet f'idejn l-intimat, fl-istadju meta huwa jieqaf u ma jkunx aktar possibbli għalih, jaħdem din ir-raba'. Waqt is-smigħ ta' din il-proċedura, l-intimat għamilha ċara li huwa għadu jaħdem din ir-raba', li għadu interessat f'din ir-raba', u fl-ebda ħin ma waqaf jaħdem din ir-raba'. Dan jirriżulta mix-xhieda mogħtija mill-intimat bl-iktar mod ċar.

Fuq nota oħra, ir-rikorrenti Raymond Mallia xehed, li l-kawża seħħet għaliex wara li saret l-iskrittura fuq riferita, hu u l-intimat kienu qabblu li jmorru jdawwru r-reġistrazzjoni tar-raba' minn fuq isem l-intimat, għal fuq ismu u isem ħutu, iżda dan ma seħħx. B'kull rispett, il-ftehim, fl-ebda ħin ma semma xejn dwar bdil fir-reġistrazzjoni. Ir-rikorrenti jsostnu li l-fatt li l-intimat kien qabel li ser idawwar din ir-reġistrazzjoni minn fuq ismu, u mbagħad reġa' biddel fehmtu, jammonta għal qerq sabiex huwa jibqa' fil-pussess ta' din ir-raba'. Dan il-Bord iqies li għalkemm l-intimat innifsu kkonferma li huwa ħassu dahru mal-ħajt, u kien ser ineħħi r-reġistrazzjoni minn fuq ismu, iżda mbagħad wara li għadda ż-żmien u għamel il-verifiki tiegħu, darlu l-ħsieb, dan il-bdil fil-ħsieb, bl-ebda mod ma jiġġustifika t-talba tar-rikorrenti għar-rilaxx tal-għalqa a favur tagħhom. In oltre, semmai, tali bdil fir-reġistrazzjoni kellu jsir fil-mument li l-art ma tibqax fil-pussess tal-istess intimat, u mhux fi żmien meta skont l-istess ftehim raġġunt u skont l-istess xhieda ta' Raymond Mallia, din ir-raba' kienet għadha fil-pussess tal-intimat. Anke, il-fatt li r-rikorrenti kellu f'idejh kopja ta' xi dokumenti tal-LPIS, bl-ebda mod ma jista' b'xi mod, jiġġustifika t-talba kontenuta f'dan ir-rikors.

In parentesi jingħad li waqt is-smigħ ta' din il-kawża, u anke fir-risposta tiegħu, l-intimat aċċenna għall-allegazzjoni li din l-iskrittura tat-12 ta' Mejju, 2017, kienet waħda nulla, għax allegatament saret b'qerq. Madanakollu, dan il-Bord iqies li meta wieħed jevalwa l-kontenut tan-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimat, jirriżulta li ma baqgħetx issir insistenza fuq dan il-punt, u addirittura, il-maġġor parti tat-trattazzjoni kienet proprju msejjsa fuq il-kontenut ta' din l-iskrittura. Għalhekk, dan il-Bord, f'din is-sentenza, ma daħal f'ebda eżami dwar il-validità ommeno ta' din l-iskrittura.

**DECIDE**

Għaldaqstant, dan il-Bord qiegħed, għar-raġunijiet fuq esposti, iqies li għandu jiċħad it-talbiet tar-rikorrenti, u jilqa' s-sitt eċċezzjoni tal-intimat, bl-ispejjeż għandhom ikunu ssopportati mill-istess rikorrenti.

Maġistrat Dr. Simone Greċh

Janet Calleja
Deputat Reġistratur